

Rikors ippreżentat fil-21 ta' Frar 2020 – Voco vs EUIPO (Forma ta' imballaġġ)**(Kawża T-118/20)**

(2020/C 129/26)

*Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż***Partijiet**

Rikorrenti: Voco GmbH (Cuxhaven, il-Ġermanja) (rappreżentanti: C. Spintig u S. Pietzcker, avukati)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)

Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-EUIPO*Trade mark kontenzuża kkonċernata: applikazzjoni għar-reġistrazzjoni tat-trade mark tridimensjonali tal-Unjoni (Forma ta' imballaġġ) – Applikazzjoni għal reġistrazzjoni Nru 17 959 421**Deċiżjoni kkontestata: id-deċiżjoni tal-Ħames Bord tal-Appell tal-EUIPO tal-4 ta' Diċembru 2019 fil-Każ R 978/2019-5***Talbiet**

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

- tannulla d-deċiżjoni kkontestata;
- tikkundanna lill-EUIPO għall-ispejjeż, inklużi dawk tar-rikorrenti.

Motiv invokat

- Ksur tal-Artikolu 7(1)(b) tar-Regolament (UE) 2017/1001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

Rikors ippreżentat fil-21 ta' Frar 2020 – IP vs Il-Kummissjoni**(Kawża T-121/20)**

(2020/C 129/27)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż***Partijiet**

Rikorrent: IP (rappreżentanti: L. Levi u S. Rodrigues, avukati)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea

Talbiet

Ir-rikorrent jitlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

- tiddikjara dan ir-rikors ammissibbli u fondat;
- konsegwentement,
- tannulla d-deċiżjonijiet ikkонтestati;
- tikkundanna lill-konvenuta għall-ispejjeż.